*it-Tribunal qatt ma seta' japplika l-liġi kif emendata għal sitwazzjoni li seħħet ferm qabel inbidlet il-liġi - l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat waqt il-perijodu ta' prova ta' sena, u għalhekk għandhom raġun l-intimati jgħidu li dan l-impjieg seta' jiġi tterminat u li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jagħtu raġunijiet għad-deċiżjoni li l-impjieg tar-rikorrenti jiġi tterminat, għaliex fil-mument tat-terminazzjoni kien għadu għaddej il-perijodu ta' prova*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 53/2023 LM

**Ana Maria Obando Castellanos magħrufa bħala Ana Obando**
**(Passaport Kolombjan bin-numru AQ 531357)**
*('ir-rikorrenti')*

***vs.***

**Rettur tal-Università ta' Malta u Università ta' Malta**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Rettur tal-Università ta' Malta** u **l-Università ta' Malta,** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'], mid-deċiżjoni parzjali

mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], fil-21 ta’ April, 2023 [minn issa ‘id-deċiżjoni appellata’], li permezz tagħha t-Tribunal iddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti **Ana Maria Obando Castellanos magħrufa bħala Ana Obando (Passaport Kolombjan bin-numru AQ 531357)** [hawnhekk ‘ir-rikorrenti’] saret wara li kien skada l-perijodu ta’ *probation,* u għalhekk ordna l-prosegwiment tal-każ.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet taħdem ġewwa l-Università ta’ Malta bħala *Senior Legal Executive,* u dan permezz ta’ kuntratt tal-impjieg datat l-1 ta’ Settembru, 2021, għal żmien fiss ta’ erba’ snin. Ir-rikorrenti spjegat li abbażi ta’ dan l-impjieg mal-Università ta’ Malta hija kisbet permess ta’ residenza sabiex tkun tista’ tgħix f’Malta. Ir-rikorrenti spjegat l-istruttura tas-salarju li kellu jitħallas lilha matul dawn l-erba’ snin, kif ukoll il-benefiċċji li hija kellha tingħata tul iż-żmien tal-impjieg tagħha. Ir-rikorrenti qalet li tul l-impjieg tagħha hija ħadmet b’mod eżemplari, u kollegi tagħha kienu jfaħħruha għax-xogħol tagħha, filwaqt li ngħatat *bonus* sostanzjali għax-xogħol li wettqet fis-sena 2021. Ir-rikorrenti qalet iżda li tul il-kors tal-impjieg tagħha ġewwa l-Università ta’ Malta, din l-istituzzjoni imxiet magħha b’mod diskriminatorju, tant hu hekk li filwaqt li hija ġiet imċaħħda minn ċerti benefiċċji, dawn l-istess benefiċċji ngħataw lil impjegata oħra fl-istess grad u bl-istess kundizzjonijiet tagħha. Ir-rikorrenti qalet li anki fit-tqassim tad-doveri fuq il-post tax-xogħol, l-Università imxiet b’mod diskriminatorju, u kien hemm diskriminazzjoni anki fil-ħinijiet li hija kienet

kostretta li taħdem. Qalet li fit-18 ta' Lulju, 2022, id-*Director of Legal Services* tal-Università sejħitilha għal laqgħa sabiex jiddiskutu l-impjieg tar-rikorrenti, u dan peress li r-rikorrenti kienet ser tagħlaq l-ewwel sena tagħha fl-impjieg tagħha mal-Università. Ir-rikorrenti qalet li waqt dik il-laqgħa, li saret dakinhar stess, hija kienet infurmat lid-Direttur tas-Servizzi Legali bil-fatt li hija kienet tqila. Ir-rikorrenti qalet li fid-19 ta' Lulju, 2022, hija rċeviet ittra fejn ġiet infurmata li l-impjieg tagħha mal-Università kien qiegħed jiġi tterminat, u dan b'effett mit-18 ta' Lulju, 2022. Qalet li hija qatt ma basret li l-Università ta' Malta kienet ser titterminalha l-impjieg ħesrem, partikolarment għaliex is-superjuri tagħha dejjem kienu jfaħħru x-xogħol tagħha, u hija dejjem ingħatat x'tifhem li l-prestazzjoni tagħha fuq ix-xogħol kienet waħda tajba, u l-impressjoni tagħha kienet li l-impjieg tagħha kien ser itul għaż-żmien kollu previst. Ir-rikorrenti għamlet riferiment għal għadd ta' istanzi li nisslu fiha din l-aspettattiva leġittima, fosthom il-fatt li fl-10 ta' Mejju, 2022 hija ntalbet timla formula għat-tiġdid tal-permess tax-xogħol tagħha għall-perijodu minn Lulju 2022 sa Lulju 2023; il-fatt li Dr Attard Chetcuti, id-Direttur tas-Servizzi Legali, kienet diġà approvat il-*leave* tar-rikorrenti għax-xhur ta' Lulju u Awwissu tal-2022, liema *leave* kien importanti ħafna għar-rikorrenti li xtaqet tmur f'pajjiżha biex tiżżewweġ; il-fatt li l-Università bagħtet lir-rikorrenti għal kors ta' taħriġ fil-Ġermanja mid-19 sal-24 ta' Ġunju, 2022, liema kors sewa lill-Università aktar minn €2,000, u l-fatt li r-rikorrenti qatt ma kellha *feedback* negattiv dwar ix-xogħol tagħha.

3. Ir-rikorrenti qalet li minkejja li f'Jannar 2022 hija kienet irċeviet *performance bonus* ta' €5,707.65, f'Marzu tal-istess sena, l-Università insistiet li

r-rikorrenti tiffirma ftehim li permezz tiegħu l-Università titħalla tnaqqas €2,867.90 mis-salarji tagħha, għaliex skont l-Università, ir-rikorrenti kienet ingħatat *performance bonus* eċċessiv. Qalet li dan il-'ftehim' sar bi ksur tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u għalhekk huwa null u bla effett fil-liġi, u hija għandha tiġi riżarċita għal dan l-ammont imnaqqas illegalment. Ir-rikorrenti qalet li hija ġiet vittimizzata u l-impjieg tagħha ġie tterminat wara li hija avżat lis-superjuri tagħha b'irregolaritajiet u kunflitti ta' interess fir-rigward tal-għoti ta' kuntratt partikolari lil kumpannija li tappartjeni lil membru tal-istaff akkademiku prominenti tal-istess Università u lil martu. Ir-rikorrenti qalet li l-Università tant kienet ħerqana li ttemmilha l-impjieg, li l-avviż tat-temm tal-impjieg rikjest skont l-artikolu 36(5) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ntbagħat permezz ta' xufier fir-residenza tar-rikorrenti, bi ksur tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data tagħha. Ir-rikorrenti allegat ukoll li l-Università naqset li tapplika l-proċeduri stabbiliti rigward l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-impjegati waqt il-perijodu tal-*probation,* u lanqas ma ġew applikati l-proċeduri solitament applikabbli fi tmiem kuntratt ta' impjieg. Qalet li t-tkeċċija tagħha kienet waħda inġusta, li saret bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u l-ħtiġijiet mandatorji proċedurali fit-twettiq tat-tkeċċija tagħha u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel ma hija ġiet imkeċċija mill-impjieg. Ir-rikorrenti qalet li dan l-aġir diskriminatorju u *ultra vires* kellu diversi effetti negattivi fuqha, u konsegwenza ta' dak li għaddiet minnu hija spiċċat tilfet it-tarbija tagħha.

4. Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jiddikjara li l-Università pproċediet b'mod diskriminatorju u *ultra vires* fil-konfront tagħha, u naqset milli tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fid-deċiżjoni

dwar it-tkeċċija tagħha, u fid-deliberazzjonijiet qabel ma hija tkeċċiet mill-impjieg. Ir-rikorrenti talbet ukoll li t-Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg hija nulla u mingħajr effett fil-liġi, u dan għaliex hija ma ngħatatx id-debitu pre-avviż li tesiġi l-liġi. Sussidjarjament għal dan, u f'każ li din it-tieni talba tagħha ma tintlaqax, ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg hija diskriminatorja u bla bażi fil-liġi, għaliex ma kien hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi li tiġġustifika t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha. Talbet ukoll li l-Università ta' Malta tiġi ordnata terġa' ddaħħalha lura fl-impjieg, b'kundizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk li kienet tkun intitolata għalihom li kieku l-kuntratt tal-impjieg tagħha ma ġiex itterminat. Fl-aħħarnett ir-rikorrenti talbet li l-Università ta' Malta tiġi kkundannata tħallasha kumpens finanzjarju xieraq u d-danni li għandhom jiġu likwidati mit-Tribunal, sabiex jagħmel tajjeb għad-diskriminazzjoni, in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-tkeċċija tagħha u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel ma tkeċċiet mill-impjieg, għat-telf jew tnaqqis ta' paga u tal-benefiċċji l-oħra li r-rikorrenti hija intitolata għalihom, u għad-danni konsegwenzjali u l-ispejjeż kollha sofferti mir-rikorrenti, li hija tgħid li l-Università ta' Malta hija responsabbli għalihom.

5. L-intimati wieġbu li r-rikorrenti kienet impjegata tal-Università ta' Malta u mhux tar-Rettur tal-Università, u għalhekk il-leġittima kontradittriċi hija biss l-Università ta' Malta. Spjegaw li r-rikorrenti ġiet impjegata b'effett mill-1 ta' Settembru, 2021, kif suġġett għal prova ta' sena, u l-impjieg tagħha ġie tterminat fit-18 ta' Lulju, 2022, b'tali mod li għandu jirriżulta li l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat waqt iż-żmien ta' prova, u għalhekk tali terminazzjoni

hija leġittima *ai termini* tal-artikolu 36 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-intimati qalu li għalhekk l-Università mhijiex obbligata tagħti raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, u konsegwentement m’hemm l-ebda stħarriġ x’jagħmel it-Tribunal f’dan ir-rigward. L-intimati qalu li *ai termini* tal-artikolu 36(2) tal-Kap. 452, ladarba r-rikorrenti kienet ilha fl-impjieg tal-Università għal aktar minn xahar, hija kienet intitolata għal pre-avviż ta’ ġimgħa, u permezz tal-ittra ta’ terminazzjoni tal-impjieg, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat b’effett immedjat, iżda hija kienet ser titħallas għal perijodu ta’ ġimgħatejn, jiġifieri d-doppju ta’ dak li kienet intitolata għalih. L-intimati eċċepew li għalhekk mhuwiex minnu li r-rikorrenti ma ngħatatx il-pre-avviż kif tistipula l-liġi. L-intimati eċċepew ukoll li r-rikorrenti kienet impjegata għal terminu fiss ta’ erba’ snin, u għalhekk l-artikolu 36(5) tal-Kap. 452 mhuwiex applikabbli għall-każ għaliex dan japplika biss fir-rigward ta’ kuntratti ta’ impjieg għal żmien bla limitu. L-intimati saħqu li mhuwiex minnu li kien hemm diskriminazzjoni jew li l-Università imxiet *ultra vires* jew b’nuqqas ta’ ħarsien tal-prinċipji ta’ ġustizzja naturali jew proċedurali mandatorji fit-tkeċċija tar-rikorrenti u fid-deliberazzjonijiet li saru qabel din tkeċċiet mill-impjieg. Spjegaw ukoll li filwaqt li l-*performance bonus* jingħata lill-impjegati kollha, dan jinħadem fuq bażi ta’ sena jew *pro rata*, u għalhekk il-*bonus* li kien dovut lir-rikorrenti għas-sena 2021 kien dovut għall-perijodu bejn l-1 ta’ Settembru, 2021 u l-31 ta’ Diċembru, 2021. Iżda minflok ir-rikorrenti tħallaset *bonus* ikkalkulat fuq perijodu ta’ sena, u dan kellu jitnaqqas sussegwentement, u għalhekk m’hemm l-ebda ammont  ulterjuri li jrid jitħallas lir-rikorrenti. L-intimati eċċepew ukoll li l-fatt li ġie mġedded il-permess tax-xogħol tar-rikorrenti ma kellux jimpinġi fuq il-validità o meno tat-terminazzjoni tal-impjieg

tagħha, u dan għaliex it-tiġdid tal-permessi ta’ xogħol isir ferm qabel id-data tal-iskadenza tagħhom, sabiex l-impjegat ma jinqabadx fil-pajjiż mingħajr permess ta’ residenza. L-intimati qalu wkoll li r-rikorrenti talbet li tingħata *leave* ferm qabel ġie tterminat l-impjieg tagħha, u lanqas l-approvazzjoni tal-*leave* ma timpinġi fuq il-validità o meno tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti. Qalu li anki l-kors ta’ taħriġ li ntalbet tattendi r-rikorrenti kien maħsub ferm qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tagħha, u minkejja li l-Università tinvesti fit-taħriġ tal-impjegati tagħha minn żmien għal żmien, dan il-fattur ukoll ma jimpinġix fuq id-drittijiet tagħha waqt żmien ta’ prova. L-intimati qalu wkoll li huwa irrilevanti jekk ir-rikorrenti kellhiex *feedback* negattiv jew le għaliex it-terminazzjoni tal-impjieg tagħha saret waqt żmien ta’ prova, u għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jingħataw raġunijiet jew ġustifikazzjonijiet għal din it-tkeċċija. L-Università ta’ Malta eċċepiet ukoll li mhuwiex minnu li kien hemm irregolaritajiet serji u kunflitt ta’ interess fl-għoti ta’ kuntratt lil kumpannija ta’ membru akkademiku tal-Università, u kuntratt bħal dan qatt ma ngħata. Żiedu jgħidu li din hija allegazzjoni serja intiża biex titfa’ dell ikrah fuq l-Università, li qiegħda tirriserva l-pożizzjoni tagħha dwar dak li ngħad. L-intimati spjegaw ukoll li waqt il-laqgħa tat-18 ta’ Lulju, 2022, ir-rikorrenti kienet qalet biss li fil-jiem ta’ qabel hija kienet qiegħda tħossha ma tiflaħx, u li kellha suspett li setgħet kienet tqila, għalkemm kienet għadha ma ħadet l-ebda test tat-tqala sabiex tikkonferma dan. L-Università qalet li ġurisprudenza stabbilita tgħid li sabiex impjegata tkun ikkunsidrata tqila, din trid tinnotifika lill-prinċipal bil-miktub, u fi żmien ħmistax-il jum min-notifika għandha tagħti lill-prinċipal ċertifikat mediku li jikkonferma l-istat ta’ tqala tal-impjegata b'indikazzjoni tad-data tal-ħlas.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-21 t'April, 2021, it-Tribunal iddeċieda li t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati għandhom jiġu miċħuda, iddikajra li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret meta kien għadda l-perijodu ta' prova, u ordna l-prosegwiment tal-każ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet***

***Probation***

*Illi mill-provi jirriżulta li r-rikorrenti ġiet impjegata bħala Senior Legal Executive għal perijodu fiss ta' erba' (4) snin permezz ta' kuntratt tal-impjieg tal-1 ta' Settembru, 2021 (para. 2.1).*

*Illi dan it-terminu beda fis-seħħ mill-ewwel ta' Settembru, 2021 (para 2.1).*

*Illi l-perijodu ta'* probation *kien ta' sena (para. 1.3) u għalhekk kien jiskadi fl-ewwel ta' Settembru, 2022.*

*Illi r-rikorrenti ġie terminat l-impjieg tagħha b'effett mit-18 ta' Lulju, 2022 u dan permezz ta' ittra datata wkoll 18 ta' Lulju, 2022 u li permezz tal-istess ittra hija ġiet infurmata li kienet ser titħallas ta' ġimagħtejn* notice.

*Li għalhekk it-terminu tal-*probation *li kien jiskadi fl-1 ta' Settembru, 2022 kien għadu ma skadiex meta ġie terminat l-impjieg tar-rikorrenti.*

*Jiġi rilevat li l-artikolu 36(1) tal-Kap. 452 ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn kuntratt għal żmien indefinit u kuntratt għal żmien definit, u li għalhekk l-operazzjoni tal-artikolu 36(1) tal-Kap. 452 ġiet aċċetata mir-rikorrenti wkoll meta ffirmat il-kuntratt tax-xogħol tagħha tal-1 ta' Settembru, 2021.*

*Jiġi rilevat ukoll li bid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 36(1) tal-Kap. 452 u anki dawk tas-subartikolu 36(2) tal-istess liġi, jissottometti li waqt l-impjieg bi prova l-impjieg jista' jiġi mitmum minn min ikun irid miż-żewġ partijiet mingħajr ma jagħti ebda raġuni u dan kien kristallizzat u eżawrit fil-ġurisprudenza ampja dwar is-suġġett.*

*Jiġi rilevat ukoll li l-artikolu 2(a) tal-istess Kap. 452 jeskludi għal kollox il-perijodu ta' prova mid-definizzjoni ta' tkeċċija inġusta.*

*Illi l-istess artikolu 36(2) tal-Kap. 452 jistipula illi:* "Waqt l-impjieg bi prova l-impjieg jista' jiġi mitmum minn min ikun irid miż-żewġ partijiet mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni: Iżda għandu jingħata avviż ta' ġimgħa tat-temm tal-impjieg lill-parti l-oħra fil-każ ta' impjegat li jkun ilu fl-impjieg tal-istess prinċipal kontinwament għal aktar minn xahar."

*Illi dwar il-lanjanza tar-rikorrenti li hija ma ngħatatx ġimgħa notice kif jirrikjedi l-istess artikolu 36(2) tal-Kap. 452, mill-provi jirriżulta dan tant li fl-ittra tat-18 ta' Lulju, 2022 hija ġiet infurmata li l-impjieg intemm minn dakinhar stess u li kienet ser titħallas ġimagħtejn notice.*

*It-Tribunal jirrileva li dan il-perijodu ta' avviż fiss ta' ġimgħa fir-rigward tax-xogħol bi prova tibqa' impożizzjoni legali ta' ordni pubbliku li skont l-istess Att ma tippermettix li tiġi varjata mqar bil-kunsens tal-partijiet infushom.*

*Illi iżda jiġi rilevat li l-artikolu 36(1A) tal-Kap. 452 jagħmilha tassattiva fit-tielet proviso li f'każ ta' kuntratt b'terminu fiss li jaqbeż it-terminu ta' ħmistax (15)-il xahar il-perijodu ta' prova għandu jkun ta' sitt (6) xhur.*

*Illi l-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti beda fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 2021* [recte] *u l-impjieg ġie terminat lilha fit-18 ta' Lulju, 2022 ċioe wara li għaddew is-sitt xhur.*

*Veru li r-rikorrenti qablet li l-*probation *għandha tkun ta' sena, iżda veru wkoll li dawk li l-kunċett ta'* probation *fuq kuntratt definit jistultifika l-iskop ta' konvenzjoni kontrattwali liberament assunta reċiprokament mill-partijiet (App. Inf. Per RCP appell 6/2012) u George Done v Rimus Riley Limited). Issir referenza ukoll għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell presjeduta mill-Imħallef Philip Sciberras fl-ismijiet "Paul Borg vs APS Bank Limited" tas-26 ta' Marzu, 2010 fejn l-element tal-protezzjoni tal-parti d-dgħajfa* (weaker party) *hu meħud in kunsiderazzjoni fejn f'din id-deċiżjoni nsibu li r-rapport ta' impjieg għandu qawwa rafforzata u dan għax il-liġi hija konċernata dwar il-protezzjoni tal-impjegati.*

*Oltre dan, it-Tribunal jirreferi wkoll għall-artikolu 42 tal-Kap. 452 jagħti dik il-protezzjoni lill-impjegat li hu meqjus il-parti dgħajfa fin-negozjati ta' kuntratt ta' impjieg. Dan l-artikolu 42 jistipula:*

42 - Jekk mhux f'każ kif provdut xort'oħra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-prinċipal tiegħu jew ftehim kollettiv bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti magħrufin li jipprovdi għal xi kondizzjoni ta' impjieg inklużi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt li jkunu inqas favorevoli għall-impjegati minn dawk speċifikati fi jew taħt l-Att dawn għandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-

kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli għall-impjegat kien hemm imdaħħla l-kondizzjonijiet speċifikati fi jew taħt dan l-Att.

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-intimati meta jikkontendu li dan l-impjieg ġie terminat meta r-rikorrenti kienet għadha taħt* probation *stante li t-terminu ta'* probation *ma kellux ikun iktar minn dak stabbilit skont il-Kap. 452 ċioe dak ta' sitt xhur u li għalhekk it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li l-*probation *tar-rikorrenti skadiet fl-1 ta' April, 2022 u li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ġara wara li kien skada t-terminu tal-*probation *kif stabbilit mill-artikolu 36(1)(a) tal-Kap. 452.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni sollevata fit-tieni u t-tielet paragrafu tar-risposta tal-intimati, jiddikjara li t-terminazzzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret meta skada l-perijodu ta'* probation*, u jordna l-prosegwiment tal-każ."*

## L-Appell

7. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-intimati fit-2 ta' Mejju, 2023, dawn talbu lil din il-Qorti tilqa' l-aggravji hekk kif imressqa minnhom, tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi tal-21 ta' April, 2023, u minflok tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati sollevata fit-tieni u t-tielet paragrafu tar-risposta tagħhom, filwaqt li tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

8. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-intimati qalu li għandu jirriżulta li t-Tribunal sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq konsiderazzjonijiet dwar il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament l-artikolu 36 tiegħu kif emendat bl-Att XX tal-2022. L-intimati qalu li t-Tribunal la seta' jagħmel riferiment għal u lanqas isejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq l-artikolu 36 tal-Kap. 452 kif emendat bl-Att Numru XX tal-2022, u dan peress li dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru, 2022, u għalhekk wara li saret it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti. Saħqu li dan huwa fatt inkontestat, hekk kif l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat fit-18 ta'

Lulju, 2022, kważi ħames xhur qabel daħlu fis-seħħ l-imsemmija emendi, u dawn l-emendi daħlu fis-seħħ aktar minn xahar wara li ġie intavolat ir-rikors tar-rikorrenti quddiem it-Tribunal Industrijali. L-intimati qalu li huwa prinċipju bażilari li l-ebda liġi m'għandha tapplika b'mod retroattiv, u għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal hija żbaljata għaliex dan isejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq liġijiet li daħlu fis-seħħ wara t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti. Qalu li dan jammonta għal punt ta' liġi u ta' ordni pubblika, għaliex huwa marbut ma' prinċipji tal-organizzazzjoni u proċedura ċivili. Qalu wkoll li ladarba l-liġi applikabbli hija l-liġi li kienet fis-seħħ qabel daħlu l-emendi tal-Att XX tal-2022, għandu jsegwi li dan l-aggravju huwa ġustifikat u għandu jiġi milqugħ.

9. Fit-tieni aggravju tagħhom l-intimati jgħidu li l-liġi, fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad qabel, kemm qabel l-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XX tas-sena 2022, u anki wara, minn dejjem kienet tipprovdi li f'każ ta' impjieg bi rwol tekniku, eżekuttiv, amministrattiv jew maniġerjali, il-perijodu ta' prova huwa ta' tnax-il xahar. L-intimati saħqu li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma *ultra vires* u dan naqas milli jagħti raġunijiet għaliex ġiet skartata l-liġi li tipprovdi għal żmien ta' prova ta' sena. Qalu li fil-każ odjern għandu jirriżulta li r-rikorrenti kienet impjegata fi rwol eżekuttiv, tant hu hekk li r-rwol tagħha kien ta' *"Senior Legal Executive"* u r-rwol tagħha kien wieħed maniġerjali - "*The post is at senior management level ...*". L-intimati qalu wkoll li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni mir-rikorrenti li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha saret wara li skada ż-żmien tal-prova, u lanqas ma kien hemm kontestazzjoni mir-rikorrenti li r-rwol tagħha kien wieħed li jikkwalifika għal żmien ta' prova ta' sena. Qalu li dan għaliex iż-żmien ta' prova ta' sena kien

wieħed maqbul bejn il-partijiet fil-kuntratt tal-impjieg *ai termini* tal-liġi. Qalu li huwa għalhekk li t-Tribunal Industrijali aġixxa *ultra vires* meta mar oltre l-parametri tal-pretensjonijiet kif imressqa fir-rikors promotur, u t-Tribunal aġixxa bħala parti speċifikament meta għamel konsiderazzjonijiet ġodda fid-deċiżjoni appellata li ma kienu ġew sollevati qatt qabel. Qalu li dan ifisser li t-Tribunal naqas milli josserva d-dritt tagħhom tad-*doppio esame,* u dan peress li dan mar oltre l-parametri kif imfissra mir-rikorrenti fir-rikors promutur tagħha, kif ukoll għaliex il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar iż-żmien ta' prova qatt ma ġew issollevati qabel ma ngħatat id-deċiżjoni appellata.

10. L-intimati saħqu li għandu jirriżulta li t-Tribunal għamel żball ta' liġi meta naqas li jirreferi għal-liġi relattiva li kienet tipprovdi li f'każ ta' rwol tekniku, eżekuttiv, amministrattiv jew maniġerjali, iż-żmien ta' prova kellu jkun ta' sena. Qalu wkoll li imkien ma jirriżulta għal liema raġuni t-Tribunal naqas li japplika dan il-provvediment. Fl-aħħarnett l-intimati saħqu li ladarba skont il-liġi għandu jirriżulta li impjiegi fi rwoli tekniċi, eżekuttivi, amministrattivi jew maniġerjali, iż-żmien tal-prova għandu jkun għal perijodu massimu ta' sena, u ladarba l-impjieg tar-rikorrenti kien jaqa' f'dawn il-parametri, isegwi li anki dan l-aggravju huwa ġustifikat u għandu jintlaqa'.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. Fir-risposta tagħha, ir-rikorrenti qalet li l-ewwel aggravju tal-intimati huwa frivolu u vessatorju, u huwa maħsub biss biex iwaqqaf milli ssir indaġini dwar l-aġir tal-intimati. Qalet li l-artikolu 36 tal-Kap. 452 qabel ma ġie emendat, kien jgħid li:

> "Mingħajr preġudizzju għal sub-artikolu 16 l-ewwel sitt (6) xhur ta' kull impjieg taħt kuntratt ta' servizz għandu jkun perijodu ta' probation sakemm il-partijiet ma jaqblux għal perijodu iqsar."

12. Qalet li l-liġi kif kienet ma kinitx tippreludi lill-partijiet milli jiftehmu li jeskludu l-perijodu ta' prova f'kuntratt ta' servizz, u hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna li l-artikolu 36(1) tal-Kap. 452 ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn kuntratt għal żmien definit u kuntratt għal żmien indefinit.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju, ir-rikorrenti qalet li dan ukoll huwa irrilevanti għall-każ odjern, u dan għaliex il-liġi kemm qabel u anki wara l-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XX tal-2022, tipprovdi li fi żmien ta' prova l-impjieg jista' jiġi mitmum minn min ikun irid miż-żewġ partijiet mingħajr ma tingħata l-ebda raġuni, u għandu jingħata żmien ta' avviż tat-temm tal-impjieg lill-parti l-oħra. Ir-rikorrenti qalet li għandu jirriżulta li kemm qabel l-emendi tal-2022, u anki wara li ġew ppromulgati dawn l-emendi, wieħed jista' korrettement jasal għall-konklużjoni li l-element tal-protezzjoni tal-parti dgħajfa huwa meħud in konsiderazzjoni, għaliex il-liġi tikkonċerna l-protezzjoni tal-impjegati. Ir-rikorrenti qalet li t-Tribunal għandu jisma' l-evidenza sabiex jiġi stabbilit jekk ingħatatx raġuni jew le, għaliex huwa faċli li tinkiteb ittra wara li jkun kompjut il-fatt, u fiha ma tingħata l-ebda raġuni għalfejn l-impjieg ikun qiegħed jiġi tterminat, minkejja li tkun ingħatat raġuni għat-tkeċċija verbalment, kif ġara fil-każ odjern. Ir-rikorrenti qalet li kienet saret laqgħa fejn ġiet infurmata li hija "*didn't fit the team*", u mill-ittra tat-terminazzjoni għandu jirriżulta li l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat minħabba d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Università ta' Malta. Qalet li għalhekk għandhom jinstemgħu l-provi sabiex jiġi stabbilit jekk

it-Tribunal għandux ikompli jisma' l-każ dwar jekk kienx hemm jew le terminazzjoni illegali u inġusta, u jekk id-deċiżjoni li ħadet l-Università kinitx raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi biex tkeċċi lir-rikorrenti mill-impjieg. Qalet li huwa biss wara li jiġu eżaminati dawn il-provi, li jista' jiġi deċiż jekk it-tkeċċija tagħha kinitx ġusta jew le. Ir-rikorrenti qalet li dan is-smigħ jimplimenta d-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att tal-Konvenzjoni Ewropea, liema smigħ qatt ma ngħata.

14. Ir-rikorrenti kompliet tgħid li sabiex impjieg jiġi validament mitmum waqt iż-żmien tal-prova, għandu jingħata pre-avviż. Qalet li hija rċeviet *email* fid-19 ta' Lulju, 2022, jiġifieri fil-ħdax-il xahar tal-impjieg tagħha, fejn ġiet infurmata li l-kuntratt tagħha ġie tterminat b'effett immedjat, bil-ġurnata effettiva tat-tmiem tal-impjieg tkun il-ġurnata ta' qabel, it-18 ta' Lulju, 2022. Qalet li għalhekk il-pre-avviż rikjest bil-liġi ma ngħatax. Ir-rikorrenti qalet li l-Università ta' Malta qiegħda tallega li l-avviż ta' ġimgħatejn tħallas lilha u għalhekk it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol waqt il-perijodu ta' prova hija waħda leġittima. Ir-rikorrenti qalet iżda li d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 36(5)(b) u 36(8) tal-Kap. 452 ma japplikawx għall-każ odjern għaliex dawn japplikaw biss għal kuntratti għal żmien indefinit, filwaqt li fil-każ odjern għandu jirriżulta li r-rikorrenti kienet impjegata għal żmien fiss. Ir-rikorrenti qalet li din mhijiex kwistjoni ta' deċiżjoni msejsa fuq l-artikolu 36 tal-Kap. 452 kif emendat bl-Att XX tal-2022, għaliex li kieku kien hekk, kien ikun għal kollox barra minn postu ir-riferiment li għamel it-Tribunal għad-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti. Ir-rikorrenti għamlet riferiment għall-artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jgħid li jeżisti dritt ta' protezzjoni fil-każ ta' tkeċċija mhux

ġustifikata. Qalet ukoll li l-artikolu 31 tal-istess Karta jgħid li hemm dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa, u prinċipju ieħor huwa li m'għandhiex issir diskriminazzjoni, liema prinċipji għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk persuna hijiex fuq perijodu ta' prova jew le.

15. Ir-rikorrenti qalet li d-Direttiva 1999/70 dwar il-*framework agreement* rigward xogħol għal żmien fiss konkluż mill-Konfederazzjoni Ewropea tat-*Trade Unions* (ETUC), l-Unjoni tal-Konfederazzjonijiet Industrijali u ta' min iħaddem fl-Ewropa (UNICE), u ċ-Ċentru Ewropew tal-Intrapriżi Pubbliċi (CEEP) implimentata f'Malta bl-Avviż Legali 51 tal-2007, kif emendat bl-Avviżi Legali 427 tal-2007, 239 tal-2008 u 376 tal-2009 (ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu Fiss), bl-Avviż Legali 52 tal-2007 kif sostitwit bl-Avviż Legali 157 tal-2007, bl-Avviż Legali 156 tal-2007 (li stabbilixxa l-15 ta' Ġunju, 2007 bħala d-data meta r-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss kellhom jidħlu fis-seħħ), kollha jistabbilixxu li l-ħaddiema li huma impjegati taħt kuntratti ta' żmien fiss, jibbenefikaw mill-prinċipju li m'għandhiex issir diskriminazzjoni. Qalet li d-Direttiva ma tillimitax id-dritt li wieħed jibbenefika mill-prinċipju li m'għandhiex issir diskriminazzjoni għal wara li jintemm il-perijodu ta' prova, għaliex dan ikun kuntrarju għall-ispirtu tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, kontra l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u kontra s-sens komun. Qalet li huwa proprju f'dan il-kuntest li waħda mit-talbiet li hija għamlet quddiem it-Tribunal, hija li ġiet diskriminata, u huwa għalhekk li qiegħda titlob li l-każ tagħha jinstema' minn tribunal indipendenti u imparzjali skont il-liġi. Qalet li fil-każ odjern it-Tribunal fl-aħħar tad-deċiżjoni tiegħu ordna l-prosegwiment tal-każ, u

fil-fatt wara li ngħatat id-deċiżjoni li hija l-mertu ta' dan l-appell, il-każ ġie differit għat-2 ta' Ġunju, 2023.

16. Ir-rikorrenti qalet li hija trid tissottolinea li l-ewwel talba tagħha hija sabiex it-Tribunal jiddikjara li l-intimati aġixxew b'mod diskriminatorju u *ultra vires* fil-konfront tagħha, filwaqt li fil-ħames talba tagħha talbet li t-Tribunal jordna lill-intimati jħallsuha kumpens finanzjarju xieraq għad-danni, u dan sabiex jagħmel tajjeb għal din id-diskriminazzjoni, in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u tal-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-tkeċċija tagħha mill-impjieg u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel it-tkeċċija tagħha, għat-telf ta' paga u tal-benefiċċji l-oħra li r-rikorrenti hija intitolata għalihom u għal danni u spejjeż konsegwenzjali oħra sofferti minnha. Ir-rikorrenti qalet li ladarba ssir talba lit-Tribunal Industrijali sabiex iwettaq investigazzjonijiet u jiddeċiedi dwar kull ilment ta' diskriminazzjoni li jitqajjem, it-Tribunal għandu jipproċedi biex jisma' u jiddeċiedi fuq tali talba. Qalet li għalhekk għandha ssir investigazzjoni dwar jekk fil-proċess tal-impjieg u waqt l-impjieg, u anki fil-mod kif l-impjieg ġie tterminat, kienx hemm diskriminazzjoni. Ir-rikorrenti saħqet li huwa għalhekk li din il-Qorti għandha tordna li t-Tribunal jisma' l-każ sabiex jieħu konjizzjoni tad-diskriminazzjoni li saret fil-konfront tagħha. Ir-rikorrenti qalet li huwa prematur għall-aħħar li din il-Qorti tiċħad it-talbiet tagħha, għaliex sa issa la nstemgħu l-provi u lanqas ma ngħatat deċiżjoni fuq it-talbiet tagħha dwar id-diskriminazzjoni li wettqet l-Università ta' Malta fil-konfront tagħha.

**L-Appell Inċidentali**

17. Ir-rikorrenti ressqet appell inċidentali mid-deċiżjoni appellata. Fl-ewwel aggravju tagħha, r-rikorrenti qalet li t-Tribunal kien għal kollox skorrett in kwantu ddikjara li l-impjieg tagħha ġie tterminat. Qalet li skont l-artikolu 74(11) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, ir-Rettur tal-Università ta' Malta huwa vestit bir-rappreżentanza legali tal-Università u għandu l-kapaċità legali li jimpjega persuni l-Università jew itemm kuntratti li l-Università tkun impenjata fihom. Qalet li l-kuntratt tax-xogħol tagħha kien iffirmat mir-Rettur, iżda l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg kienet iffirmata mid-Direttur tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani li mhuwiex vestit b'rappreżentanza legali u għalhekk m'għandux il-kapaċità legali li jtemm kuntratt ta' impjieg, għaliex tali kapaċità tispetta biss lir-Rettur tal-Università ta' Malta. Qalet li lanqas ma jista' jingħad li r-Rettur tal-Università ta' Malta ddelega xi poter li tagħtih il-liġi lid-Direttur tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għaliex f'każ li sar hekk dan kien *ultra vires* għaliex l-Att dwar l-Edukazzjoni ma jippermettix li r-Rettur jiddelega l-poteri tiegħu, partikolarment dawk rigward it-terminazzjoni ta' kuntratt ta' impjieg ta' impjegat mal-Università. Qalet li għalhekk it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg tax-xogħol tagħha ma kinitx valida u għandha titqies li hija nulla għall-finijiet u effetti tal-liġi.

18. Ir-rikorrenti qalet li t-Tribunal kien għal kollox skorrett fejn iddikjara li l-impjieg tagħha kien ġie tterminat meta ma kien ingħata l-ebda avviż ta' tmiem tal-impjieg kif rikjest mil-liġi. Qalet li l-artikolu 36(2) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jipprovdi li għandu jingħata pre-avviż ta' ġimgħa fil-każ ta' impjegat li jkun ilu fl-impjieg għal aktar minn xahar. Qalet ukoll li hija rċeviet

*email* fid-19 ta' Lulju, 2022, fejn ġiet infurmata li l-impjieg tagħha ġie tterminat ġurnata qabel, jiġifieri fit-18 ta' Lulju, 2022, u għalhekk l-avviż rikjest mil-liġi ma ngħatax. Qalet li l-Università qiegħda tallega li l-avviż ta' ġimagħtejn tħallas lilha, u għalhekk it-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol tagħha taħt perijodu ta' prova hija leġittima. Qalet iżda li s-sub-inċiżi (5)(b) u (8) tal-artikolu 36 tal-Kap. 452 ma japplikawx għal dan il-każ, għaliex dawk l-artikoli tal-liġi japplikaw biss f'każ ta' kuntratt tax-xogħol indefinit, filwaqt li hija kienet impjegata b'kuntratt ta' xogħol għal erba' snin.

19. Permezz tat-tielet aggravju tagħha ir-rikorrenti tgħid li t-Tribunal kellu jordna li l-każ jissokta biex jinstemgħu l-provi tagħha dwar ir-raġuni għalfejn is-superjur dirett tagħha pprovdiet bil-fomm biex tiġġustifika t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti.

20. Fir-raba' aggravju tagħha, ir-rikorrenti tgħid li t-tielet aggravju tagħha huwa wieħed sempliċi fis-sens li t-Tribunal kellu fid-deċiżjoni tiegħu jordna li l-każ jissokta biex jinstemgħu l-ilmenti tagħha, li wara kollox mhumiex affettwati bil-kwistjoni ta' prova. Qalet li dan skont l-artikoli 26 *et seq* tal-Kap. 452, ladarba ssir it-talba lit-Tribunal Industrijali biex jagħmel investigazzjonijiet u jiddeċiedi dwar kull ilment ta' diskriminazzjoni li jitqajjem, it-Tribunal għandu jipproċedi biex jisma' u jiddeċiedi fuq tali talba, u dan japplika kemm għal diskriminazzjoni mwettqa fil-proċedura tal-ingaġġ, kemm waqt iż-żmien ta' prova, kif ukoll waqt iż-żmien tal-impjieg normali, u fil-proċedura tat-terminazzjoni tal-impjieg.

**Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali**

21. L-intimati wieġbu li l-appell inċidentali intavolat mir-rikorrenti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u għandu jiġi miċħud. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tar-rikorrenti, l-intimati qalu li l-mertu ta' dan l-aggravju lanqas biss kien parti mill-konsiderazzjonijiet tad-deċiżjoni appellata, u għalhekk ir-rikorrenti ma setgħetx tressaq aggravju dwar konsiderazzjonijiet li ma ġewx ikkunsidrati mit-Tribunal Industrijali. Qalu li t-Tribunal imkien ma qies kif u minn min ittieħdet id-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, u fil-konsiderazzjonijiet tiegħu dejjem irrefera b'mod dirett għad-deċiżjoni tat-terminazzjoni. Qalu li mil-lat proċedurali jrid jingħad li l-ewwel aggravju sollevat quddiem din il-Qorti tal-Appell ma ġiex issollevat mir-rikorrenti fir-rikors promutur tagħha, u fir-rikors tagħha r-rikorrenti dejjem irreferiet għad-deċiżjoni tal-Università u qatt ma rreferiet għad-deċiżjoni allegatament meħuda mid-Direttur tar-Riżorsi Umani tal-Università ta' Malta. Qalu li għalhekk it-Tribunal kien korrett meta ma qiesx din il-pretensjoni fil-konsiderazzjonijiet tiegħu. L-intimati qalu li mil-lat ta' proċedura u organizzazzjoni ċivili, isegwi li din il-Qorti tal-Appell ma tistax tistħarreġ jew tqis xi ilment li ma jkunx ġie ssollevat fl-atti intavolati mill-partijiet fil-bidu tal-proċedimenti ġudizzjarji. L-intimati qalu li din hija materja ta' ordni pubbliku, u dan joħroġ mill-fatt li l-qafas proċedurali ta' kawża jistrieħ fuq nisġa ta' drittijiet ta' kull parti involuta, b'tali mod li jekk din il-proċedura mhijiex ser tiġi osservata, dan ser iħalli effett fuq id-dritt ta' xi parti jew oħra. Qalu li għalhekk, ladarba jirriżulta li l-ilment tar-rikorrenti ma tressaqx fir-rikors promutur u ma ġiex ikkunsidrat mit-Tribunal Industrijali fid-deċiżjoni appellata, għandu jsegwi li din il-Qorti hija legalment ristretta milli tiddeċiedi

dwar dan l-aggravju. L-intimati qalu li l-ewwel darba li r-rikorrenti ressqet dan l-aggravju kien fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha quddiem it-Tribunal, u huma kienu wieġbu għal dan billi saħqu li tali sottomissjoni hija proċeduralment skorretta. Qalu li fi kwalunkwe każ huma esebew awtorizzazzjoni mogħtija fis-sena 2016 mir-Rettur tal-Università ta' Malta lil Jacqueline Fenech, bħala direttur tar-Riżorsi Umani, u dan proprju sabiex din tkun tista' tiffirma ittri ta' terminazzjoni bħal dik mibgħuta lir-rikorrenti. Żiedu jgħidu li fil-fatt fl-ittra hemm miktub *"The University has taken the decision to terminate your employment"*, u dan għaliex il-proċedura hija li fejn entità tkun timpjega ammont konsiderevoli ta' impjegati, tinħatar persuna sabiex taġixxi għan-nom u f'isem dik l-entità.

22. B'riferiment għat-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji mressqa fl-appell inċidentali, l-intimati qalu li r-rikorrenti ma setgħetx tressaq dawn l-aggravji għaliex dawn jikkonċernaw il-mertu tal-każ. Żiedu jgħidu li d-deċiżjoni appellata kienet waħda parzjali fejn it-Tribunal iddeċieda biss dwar it-tieni eċċezzjoni tar-rikorrenti u għalhekk ir-rikorrenti ma setgħetx tressaq dawn l-aggravji fl-appell inċidentali tagħha, meta t-Tribunal ma ta l-ebda deċiżjoni dwar il-mertu. L-intimati qalu li għalhekk huma ma jistgħux jifhmu x'inhu l-ilment tar-rikorrenti meta ma teżisti l-ebda deċiżjoni u l-ebda konsiderazzjoni tat-Tribunal li b'xi mod jirrelataw mat-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tal-appell inċidentali.

23. L-intimati qalu li lanqas m'huwa minnu li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti sar bi ksur tal-liġi għaliex allegatament din ma ngħatatx avviż ta' tmiem tal-impjieg. Jgħidu li r-rikorrenti tagħmel riferiment b'mod żbaljat għall-artikoli 36(5)(b) u 36(8) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u dawn l-artikoli ma

japplikawx f'din is-sitwazzjoni għaliex hija kienet impjegata fuq kuntratt definit. Qalu li l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat waqt iż-żmien ta' prova, u dan iż-żmien ta' prova kien jintemm fil-31 t'Awwissu, 2022, filwaqt li l-impjieg tagħha ġie tterminat fit-18 ta' Lulju, 2022. Qalu li għalhekk il-liġi applikabbli għall-każ odjern, in kwantu kemm l-impjieg u kif ukoll it-terminazzjoni tiegħu seħħew qabel l-emendi għall-Kap. 452, huwa l-artikolu 36 tal-Kap. 452, li kien jipprovdi li impjieg jista' jiġi tterminat minn kwalunkwe parti mingħajr ma jkun hemm raġuni, salv li jingħata avviż ta' ġimgħa li għandha tingħata minn parti lil oħra. L-intimati qalu li mill-ittra ta' terminazzjoni għandu jirriżulta li r-rikorrenti tħallset l-ekwivalenti ta' ġimagħtejn avviż u għalhekk jidher li s-sub-regolament tal-artikolu 36(2) tal-Kap. 452 ġie osservat, għaliex ir-rikorrenti tħallset kważi d-doppju ta' dak li kienet intitolata għalih. L-intimati qalu li huma ma jistgħux jifhmu r-raġuni għalfejn ingħataw dawn l-aggravji meta t-Tribunal iddeċieda biss li l-każ għandu jitkompla, wara li ddetermina punt preliminari. Qalu li għalhekk dawn l-aggravji huma bla bażi mil-lat fattwali u legali, u għandhom jiġu miċħuda minn din il-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. L-intimati fi ftit kliem qegħdin jgħidu li t-Tribunal kien legalment żbaljat meta fid-deċiżjoni tiegħu ibbaża ruħhu fuq l-artikolu 36 (1a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, kif emendat bl-Att XX tal-2022, liema Att daħal fis-seħħ wara li kien itterminat l-impjieg tar-rikorrenti, u saħansitra anki wara li kien tressaq ir-rikors promutur quddiem it-Tribunal. Fil-fatt jirriżulta li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal ikkonsidra dak li jgħid l-artikolu 36 (1a) tal-Kap. 452, jiġifieri li f'każ ta'

kuntratt b'terminu fiss li jkun jaqbeż it-terminu ta' ħmistax-il xahar, il-perijodu ta' prova għandu jkun ta' sitt xhur. Il-Qorti tqis li din kienet konsiderazzjoni żbaljata li saret mit-Tribunal, għaliex dan qatt ma seta' japplika l-liġi kif emendata għal sitwazzjoni li seħħet ferm qabel inbidlet il-liġi. Il-Qorti ma tistax tifhem għal liema raġuni fir-risposta tagħha r-rikorrenti tgħid li dan l-aggravju huwa wieħed frivolu u vessatorju, u dan għaliex l-applikazzjoni tal-liġi l-korretta għaċ-ċirkostanzi tal-każ hija prinċipju ta' ordinament pubbliku. Bil-mod kif it-Tribunal applika liġi li ma kellhiex tiġi applikata, kienet ser tiskatta sitwazzjoni fejn r-rikorrenti kienet ser tingħata jeddijiet li mhux neċessarjament kellha fil-mument li fih l-impjieg tagħha ġie tterminat. Huwa ta' tħassib ukoll il-fatt li minkejja li t-Tribunal applika s-sub-inċiż (1a) tal-artikolu 36 tal-Kap. 452, fl-istess ħin dan naqas milli jikkonsidra dak li jgħid is-sub-inċiż (b), li wassal lill-intimati għat-tieni aggravju tagħhom.

25. L-intimati qalu li huma ħassewhom aggravati wkoll għaliex it-Tribunal injora għal kollox il-fatt li r-rikorrenti kienet ingaġġata f'impjieg f'livell tekniku, eżekuttiv, amministrattiv jew maniġerjali, f'liema każijiet il-liġi tgħid li l-perijodu ta' prova għandu jkun ta' tnax-il xahar, kif fil-fatt kien jistipula l-kuntratt ta' impjieg iffirmat u maqbul mir-rikorrenti. L-intimati jgħidu li l-liġi f'dan ir-rigward baqgħet invarjata kemm qabel kif ukoll wara l-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XX tal-2022, u għalhekk għandu jirriżulta li l-Università ta' Malta kienet korretta li timponi perijodu ta' prova ta' sena, liema perijodu kellu jiġi fi tmiemu fil-31 t'Awwissu, 2022. Jirriżulta li r-rikorrenti kienet impjegata bħala *Senior Legal Executive,* u f'dan ir-rwol hija kellha grad maniġerjali, b'salarju sostanzjali. Fil-fatt jirriżulta li l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat b'effett mit-18 ta' Lulju,

2022, jiġifieri waqt il-perijodu ta' prova ta' sena, u għalhekk għandhom raġun l-intimati jgħidu li dan l-impjieg seta' jiġi tterminat u li min-naħa tagħhom ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jagħtu raġunijiet għad-deċiżjoni li l-impjieg tar-rikorrenti jiġi tterminat, għaliex fil-mument tat-terminazzjoni kien għadu għaddej il-perijodu ta' prova. Fil-fatt, l-artikolu 36(1) tal-Kap. 452 oriġinarjament kien jipprovdi illi:

> "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (16), l-ewwel sitt xhur ta' kull impjieg taħt kuntratt ta' servizz ikun impjieg bi prova, sakemm żmien iqsar ta' impjieg bi prova ma jiġix miftiehem bejn iż-żewġ partijiet:
>
> Iżda fil-każ ta' kuntratt ta' servizz, jew ta' ftehim kollettiv, dwar impjegati li jkollhom karigi tekniċi, eżekuttivi jew amministrattivi jew ta' direzzjoni u li l-pagi tagħhom ikunu għall-inqas id-doppju tal-paga minima stabbilita f'dik is-sena, dak iż-żmien ta' prova jkun ta' sena sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fil-kuntratt ta' servizz jew fil-ftehim kollettiv."

26. L-artikolu 36(1b) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, attwalment jgħid prattikament l-istess ħaġa[1], u għaldaqstant, ladarba jirriżulta li ż-żewġ partijiet qablu li ż-żmien ta' prova għandu jkun wieħed ta' sena, u ladarba m'hemm l-ebda irregolarità fi ftehim bħal dan, il-Qorti sejra tilqa' ż-żewġ aggravji sollevati mill-intimati fl-appell prinċipali mressaq minnhom.

27. Jifdal għalhekk li l-Qorti tistħarreġ dak li ġie sollevat mir-rikorrenti fl-appell inċidentali tagħha. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti qalet li t-Tribunal kien żbaljat meta qies li l-impjieg tagħha ġie tterminat għaliex skont l-artikolu 74(11) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, huwa r-Rettur tal-Università ta' Malta li huwa vestit

---

[1] *Fil-fatt, l-artikolu 36(1b) tal-Kap. 452 attwalment jgħid:* "Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1a), ħaddiema li jokkupaw karigi tekniċi, eżekuttivi, amministrattivi jew maniġerjali, u li għandhom paga li hija tal-anqas id-doppju tal-paga minima nazzjonali stabbilita għal dik is-sena, għandhom ikunu f'perijodu ta' prova ta' tnax (12)-il xahar."

bir-rappreżentanza legali tal-istess istituzzjoni, u għalhekk għandu l-kapaċità legali jtemm kuntratti ta' impjieg. Qalet li l-ittra ta' terminazzjoni tagħha ġiet iffirmata mid-Direttur tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani tal-Università, u għalhekk it-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma saritx b'mod regolari. Din hija l-ewwel darba li r-rikorrenti qiegħda tissolleva dan il-punt, u dan meta kienet hi li bdiet il-proċeduri odjerni permezz tar-rikors promutur intavolat quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li l-artikolu 240 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "(1) Kull parti tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza, magħduda sentenza parzjali u minn kap wieħed jew iżjed ta' kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju, u tista' mhux biss tagħmel appell inċidentali dwar is-sentenza definittiva, sentenza parzjali, kap wieħed jew iżjed ta' sentenza, jew digriet interlokutorju li jsir appell minnu, iżda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap tagħha jew digrieti interlokutorji mogħtija fl-istess kawża ukoll jekk ma jsirx appell minnhom minn min jappella. Dak l-appell inċidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti li ma tkunx waħda li kontra tagħha jkun sar l-appell skont l-artikolu 144(1):
> Iżda parti ma tistax tinqeda b'dak l-appell dwar sentenza partikolari jekk dik il-parti tkun diġà appellat minn dik is-sentenza jew minn xi kap tagħha."

28. Il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma tistax tressaq aggravju dwar xi punt li ma kienx diġà deċiż bid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal. Ir-rikorrenti qalet li t-Tribunal kien żbaljat meta qies li l-ittra ta' tkeċċija kienet waħda valida u li l-impjieg tagħha ġie tterminat, iżda fil-verità kienet ir-rikorrenti li kellha tressaq dan il-punt fir-rikors promotur tagħha quddiem it-Tribunal. Fi kwalunkwe każ l-Università ta' Malta ressqet provi biżżejjed sabiex turi li kienet ingħatat delega mir-Rettur tas-setgħa tiegħu, iżda r-rikorrenti ma tistax tressaq aggravju dwar punt li ma kien hemm l-ebda deċiżjoni dwaru.

29. Fit-tieni aggravju tagħha r-rikorrenti tgħid li hi ma ngħatatx pre-avviż ta' ġimgħa kif titlob il-liġi. Hawnhekk ukoll, il-Qorti tqis li t-Tribunal ma ta l-ebda deċiżjoni dwar dan il-punt, u ma tressqu l-ebda provi u ma saru l-ebda sottomissjonijiet quddiem it-Tribunal dwar jekk ir-rekwiżit ta' pre-avviż ta' ġimgħa kienx sodisfatt jew le. It-Tribunal kien għadu ma sema' xejn dwar il-mertu proprju tal-vertenza li kellu quddiemu, meta għadda biex jiddeċiedi li s-smigħ tal-każ kellu jkompli għaddej għaliex qies li ż-żmien ta' prova kien għalaq. Anki dwar dan il-punt, din il-Qorti ta' reviżjoni ftit li xejn għandha x'iżżid, ladarba d-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal ma kinitx dwar dan il-punt.

30. Fit-tielet aggravju tagħha r-rikorrenti tgħid li t-Tribunal kellu jordna li s-smigħ tal-każ tagħha jissokta għaliex hija kienet ingħatat ir-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha bil-fomm. Din hija allegazzjoni tar-rikorrenti baqgħet ma ġietx ippruvata ladarba l-każ ma tkompliex jinstema' fil-mertu. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li l-persuna li r-rikorrenti kienet twieġeb lilha fuq il-post tax-xogħol, tatha xi tip ta' raġuni għalfejn l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat, bl-ebda mod m'għandu jippreġudika l-jedd tal-intimati li jitterminaw l-impjieg ta' persuna waqt iż-żmien ta' prova mingħajr ma jkollhom għalfejn jagħtu r-raġuni għal dan. Ir-rikorrenti hija stess tipprova tagħti għadd ta' raġunijiet għalfejn hija taħseb li l-impjieg tagħha mal-Università ta' Malta ġie tterminat, u ssemmi l-fatt li hija kienet tqila dakinhar li saret il-laqgħa dwar il-prestazzjoni tagħha fuq il-post tax-xogħol, il-fatt li hija kienet ġibdet l-attenzjoni għal xi irregolaritajiet li nnutat fl-għoti ta' xi kuntratti, u għadd ta' spekulazzjonijiet oħra, li meta wieħed jikkonsidra l-fatti kollha kif seħħew, l-ebda waħda mill-partijiet m'għandha għalfejn tidħol fihom. Huwa minnu li l-

'parti dgħajfa' ser tipprova tfittex ir-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tagħha mill-impjieg, iżda ladarba ġie stabbilit li din it-tkeċċija seħħet waqt il-perijodu ta' prova, huwa inutili li ssir indaġni dwar x'kienu r-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

31. Fir-raba' aggravju tagħha, ir-rikorrenti tgħid li t-Tribunal kellu l-obbligu jistħarreġ l-allegazzjoni tagħha li hija ġiet iddiskriminata fuq il-post tax-xogħol. L-artikolu 26 tal-Kap. 452 iċċitat mir-rikorrenti huwa dwar trattament diskriminatorju partikolarment bejn is-sessi. M'hemm xejn fir-rikors promutur tar-rikorrenti li jissuġġerixxi li saret xi forma ta' diskriminazzjoni magħha kif qiegħda tallega f'dan l-aggravju tagħha. Hawnhekk ukoll il-Qorti tirrileva li din il-kwistjoni ma ġietx deċiża mit-Tribunal Industrijali, u għalhekk ir-rikorrenti ma setgħetx tinqeda b'appell inċidentali minn appell dwar sentenza parzjali sabiex tqanqal allegazzjonijiet ta' din ix-xorta, meta t-Tribunal ma kien ta l-ebda deċiżjoni f'dan is-sens. Jekk ir-rikorrenti hija tal-fehma li hija ġiet iddiskriminata, huma diversi l-liġijiet li jipproteġu l-jedd tagħha li tkun imħarsa minn diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru jew għal raġunijiet oħra, iżda ċertament appell inċidentali minn sentenza parzjali li ngħatat dwar kwistjoni ta' natura preliminari, mhijiex il-proċedura korretta kif għandu jsir dan. Għaldaqstant l-aggravji sollevati mir-rikorrenti fl-appell inċidentali tagħha qegħdin jiġu miċħuda kollha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell prinċipali tal-intimati billi tilqgħu, u filwaqt tiċħad l-appell inċidentali tar-rikorrenti, tirrevoka d-deċiżjoni fl-ismijiet premessi deċiża fil-21 ta' April, 2023 u konsegwentement tilqa' minflok l-eċċezzjoni tal-intimati sollevata fit-tieni u t-tielet paragrafu tar-risposta tagħhom u tiċħad it-talbiet mressqa mir-rikorrenti.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**